MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 171/2008

**Anthony C Cutajar – I.D. 582936(M)**

**-vs-**

**Michael Deguara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur ippremetta hekk:

1. Il-kwerelant hu kittieb pjuttost maghruf. Huwa kien inkariga lill-kwerelat biex jistampa u jippubblika tliet kotba tieghu: (1) "Il-Progett tal-Millenju" (ara Dok B) u (2) "Mhux Skond iz-Zokk" u "Il-Vendetta" (ara Dok A) – bil-kundizzjonijiet stipulati fiz-zewg skritturi msemmija – it-tnejn firmati fl-24 ta' Frar, 2006.
2. Mill-kundizzjonijiet miftiehma l-kwerelant wettaq kollox puntwalment izda l-kwerelat baqa' jkaxkar saqajh sa recentement; u wettaq biss il-parti tal-ftehim li jistampa

u jaghti 20 kopja ta' kull ktieb lill-kwerelant. Fadal il-hlas "tad-drittijiet tal-awtur" (€548.01 kull ktieb) u l-pubblikazzjoni.

Ghalhekk billi l-kwerelat qed jinjora t-talbiet tal-kwerelant, qed jigi mitlub li t-Tribunal jordna lill-kwerelat (b'terminu fiss) biex jaghti l-kotba f'idejn distributur (pubblikazzjoni), u jhallsu total ta' €1,740.03 bl-imghax relattiv. Bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Illi l-attur ghamel zewg talbiet u cjoè li t-Tribunal:

i. jordna lill-kwerelat (b'terminu fiss) biex jaghti l-kotba f'idejn distributur (pubblikazzjoni), u
ii. jhallsu total ta' €1,740.03 bl-imghax relattiv. Bl-ispejjez.

Illi l-ewwel talba tezorbita l-kompetenza ta' dan t-Tribunal u ghalhekk qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghha izda jirriserva favur l-attur kull dritt li jista' jkollu kontra l-konvenut *si et quatenus*.

Ghaldaqstant, peress illi l-ewwel talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elf, seba' mija u erbghin Euro u tliet centezmi (€1,740.03) – (Lm746.99) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------